MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' April, 2008

Numru. 275/2008

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR JAMES GRECH)**

**Vs**

**Carmel Grima u Cedric Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migbura kontra l-imputati u dan talli fil-31 ta' Marzu 2008 ghal-habta tat-23:00hrs gewwa l-Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minnhom li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda.

1. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros1164.69 (Lm500) ghad-

detriment ta' Alexander Baldacchino detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 258442M bhala sid Ritz Archades sitwat gewwa Triq ir-Republika Valletta kif ukoll ghad-detriment ta' Tarcisio Vella detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 298949M bhala sid il-hanut bl-isem 'Shu', sitwat fi Triq Santa Lucija Valletta.

2. u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa Ritz Archades Valletta, ikkommettew serq ta' flus ta' valur li jeccedi l-ammont ta' Euro232.94 agravat bil-Mezz, bil-Valur u bil-Hin, ghad-detriment ta' Diane Calleja detentrici tal-karta ta' identita bin-numru 505777M bhala sidt il-hanut bl-isem Zucchero kif ukoll ghad-detriment ta' Doris Caniglia detentrici tal-karta ta' l-Identita bin-numru 700960M bhala sidt il-hanut L-Italiano,

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta taghhom,

4. u aktar talli fl-istess data, jin, lok u cirkostanzi, Carmel Grima u Cedric Grima, assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt,

Nakkuza lil Cedric Grima wahdu,

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lil Carmel Grima, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat.

Nakkuza lil Carmel Grima wahdu,

6. talli renda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta preseduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D. nhar id-09/01/2001, liema sentenza hija defenittiva u ma tistghax tigi mhassra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-akkuzati jiddikjaraw illi ma ghandhomx oggezzjoni ghal din il-procedura.

Semghet lill-akkuzat Cedric Grima jiddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha fil-konfront tieghu.

Semghrt lill-akkuzat Carmel Grima jiddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu hlief ghas-sitt(6) akkuza.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-akkuza ta' reciduva migjuba fil-konfront ta' Carmel Grima u dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi:-

a) kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-tlieta (3) ta' April 2008, il-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuza in konnessjoni mal-kwalifika "bil-valur" vis-à-vis l-akkuza ta' serq;

b) Dwar l-akkuza ta' recidiva fil-konfront ta' Carmel Grima, id-difiza rreferiet lill-Qorti ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Emanuele Magro" (Appell Kriminali numru 243/2003) fejn jinghad espressament "Ghall-finijiet ta' korrettezza din il-Qorti tixtieq tosserva li ghalkemm l-appellant gie addebitat bir-recidiva….. mill-fedina penali jirrizulta li, ghar-reat li ghalih instab hati b'dik is-sentenza l-appellant kien inghata 'conditional discharge'….. u ghalhekk ir-recidiva ma tapplikax (dan jghodd ukoll ghal meta persuna misjuba hatja ta' reat tinghata 'absolute discharge' jew titqieghed taht 'probation')". Fil-kaz in desamina mill-fedina penali ta' Carmel Grima jidher li s-sitt (6) akkuza tirreferi ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Jannar 2001 u dan wara li kien instab hati ta' diversi serqiet kien inghata l-beneficcju ta' "probation" ghal perjodu ta' erba' (4) snin (sic!) liema perjodu, suppost sa massimu ta' tlett (3) snin skada meta gew kommessi d-delitti in ezami. Fl-isfond u a bazi ta' dak enunzjat fis-sentenza citata', dwar l-akkuzat ma' jistax jigi konsiderat bhala recidiv bl-effetti kollha skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li ssib lill-akkuzat Carmel Grima mhux hati tas-sitt (6) akkuza kif migjuba kontra tieghu ssib lill-akkuzati hatja:-

Talli fit-31 ta’ Marzu 2008 ghal-habta tat-23:00hrs gewwa l-Belt Valletta, b’diversi atti maghmulin minnhom li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda.

1. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros1164.69 (Lm500) ghad-detriment ta’ Alexander Baldacchino detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 258442M bhala sid Ritz Archades sitwat gewwa Triq ir-Republika Valletta kif ukoll ghad-detriment ta’ Tarcisio Vella detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 298949M bhala sid il-hanut bl-isem ‘Shu’, sitwat fi Triq Santa Lucija Valletta.
2. u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa Ritz Archades Valletta, ikkommettew serq ta’ flus ta’ valur li jeccedi l-ammont ta’ Euro232.94 aggravat bil-Mezz u bil-Hin, ghad-detriment ta’ Diane Calleja detentrici tal-karta ta’ identita bin-numru 505777M bhala sidt il-hanut bl-isem Zucchero kif ukoll ghad-detriment ta’ Doris Caniglia detentrici tal-karta ta’ l-Identita bin-numru 700960M bhala sidt il-hanut L-Italiano,
3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta taghhom,
4. u aktar talli fl-istess data, jin, lok u cirkostanzi, Carmel Grima u Cedric Grima, assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt,

u lil Cedric Grima wahdu,

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lil Carmel Grima, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat;

u dan skond l-artikoli 325(a), 261(b) (c), 263, 264, 265, 266, 270, 278(1) (2) u 281 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward il-piena, in rigward Cedric Grima li ddikjara mhux hati fi stadju bikri tal-proceduri tenut kont li sal-akkuzi in ezami, dan l-akkuzat kellu fedina penali netta, hu ghandu jigi kunsiderat bhala “ a part offender”, u b’hekk jizufruwixxi mill-beneficcju moghti mill-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Ghaldaqstant il-Qorti tordna li l-akkuzat Cedric Grima li ghadu ta’ eta pjuttost zghira jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn millum.

In rigward, l-akkuzat l-iehor Carmel Grima, li ukoll iddikjara mhux hata fi stadju bibri tal-proceduri, mill-fedina penali annessa jidher li hu nstab hati digja ta’ diversi serqiet u in rigward taghhom kien inghat l-beneficcju ta’ “probation”.
Ghalhekk jkun opportun li fil-konfront tieghu tinghata piena ta’ prigunerija izda li tkun “sospiza” skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk tenut kont tal-aritkolu citat kif ukoll l-artikolu 17 in rigward konkors ta’ reati u piena, il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat Carmel Grima ghall-piena ta’ sentejn prigunerija sospiza ghall-perjodu ta’ erba’ snin bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor soggett ghall-prigunerija fl-istess perjodu ta’ erba’ snin. Din is-sentenza giet spjegata mill-Qorti lill-akkuzati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------